# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/349

## tat-2 ta' Marzu 2015

## li temenda l-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE rigward l-entrata għall-Istati Uniti fil-lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minnhom minn fejn hija awtorizzata l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' prodotti tal-laħam u ta' stonkijiet, bżieżaq tal-awrina u msaren ittrattati fir-rigward tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja wara t-tifqigħat fl-Istat ta' Idaho u California

*(notifikata bid-dokument C(2015) 1315)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ([1]), u b'mod partikolari l-frażi introduttorja tal-Artikolu 8, l-ewwel subparagrafu tal-punt 1 tal-Artikolu 8, il-punt 4 tal-Artikolu 8, u l-Artikolu 9(4)(c) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE ([2]) tistipula r-regoli tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika għall-importazzjoni fl-Unjoni u t-tranżitu minnha ta' kunsinni ta' prodotti tal-laħam u stonkijiet, bżieżaq tal-awrina u msaren ittrattati ("il-prodotti").

(2) Il-Parti 1 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE tiddeskrivi ż-żoni tal-pajjiżi terzi minn fejn l-introduzzjoni tal-prodotti fl-Unjoni hija ristretta għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali u fejn hija applikata r-reġjonalizzazzjoni. Il-Parti 2 ta' dak l-Anness tistabbilixxi lista' ta' pajjiżi terzi jew ta' partijiet minnhom minn fejn l-inroduzzjoni tal-prodotti fl-Unjoni hija awtorizzata, kemm-il darba l-prodotti jkun sarilhom it-trattament relevanti, kif stipulat fil-Parti 4 ta' dak l-Anness.

(3) L-Istati Uniti hija elenkata fil-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE bħala pajjiż terz li minnu huma awtorizzati l-importazzjoni fl-Unjoni u t-tranżitu minnha ta' kunsinni ta' prodotti miksuba minn pollam, tjur imrobbi għall-kaċċa u tjur tal-kaċċa selvaġġ minn ċerti partijiet tat-territorju tagħhom skont il-preżenza tat-tifqigħat tal-HPAI. Din ir-reġjonalizzazzjoni ġiet rikonoxxuta bid-Deċiżjoni 2007/777/KE, kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/252 ([3]), wara tifqigħat tal-HPAI fl-Istati ta' Oregon u Washington. Id-Deċiżjoni 2007/777/KE tipprovdi li dawk il-prodotti miż-żoni milquta tal-Istati ta' Oregon u Washington, jistgħu jiġu awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni wara li jkun sarilhom it-trattament "D" kif stipulat fil-Parti 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE ("it-trattament D").

(4) L-Istati Uniti kkonfermaw il-preżenza tas-sottotip H5N2 tal-HPAI f'qatgħa ta' pollam fl-Istat ta' Idaho fl-20 ta' Jannar 2015 u l-preżenza tas-sottotip H5N8 tal-HPAI fl-Istat ta' California fit-23 ta' Jannar 2015. L-awtoritajiet veterinarji tal-Istati Uniti ssospendew minnufih il-ħruġ taċ-ċertifikati veterinarji għall-kunsinni tal-prodotti kkonċernati maħsuba li jiġu introdotti fl-Unjoni minn dawk l-Istati u parti mill-Istat ta' Oregon li tpoġġewlhom ir-restrizzjonijiet marbuta ma' dawn it-tifqigħat il-ġodda. L-Istati Uniti implimentaw ukoll politika ta' qerda biex jikkontrollaw l-HPAI u jillimitaw it-tixrid tagħha.

(5) Ftehim bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti ([4]) jipprovdi għar-rikonoxximent reċiproku malajr tal-miżuri ta' reġjonalizzazzjoni fil-każ ta' tifqigħat ta' mard fl-Unjoni jew fl-Istati Uniti ("il-Ftehim").

([1]) ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE tad-29 ta' Novembru 2007 li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-laħam u tal-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/432/KE (ĠU L 312, 30.11.2007, p. 49).

([3]) Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/252 tat-13 ta' Frar 2015 li temenda l-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE f'dak li għandu x'jaqsam mal-entrata għall-Istati Uniti fil-lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet tagħhom, li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' prodotti tal-laħam u ta' stonkijiet, bżieżaq tal-awrina u msaren ittrattati f'dak li għandu x'jaqsam mal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja (ĠU L 41, 17.2.2015, p. 52).

([4]) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika dwar miżuri sanitarji li jipproteġu s-saħħa pubblika u dik tal-annimali fil-kummerċ ta' annimali ħajjin u prodotti tal-annimali kif approvat f'isem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1998/258/KE (ĠU L 118, 21.4.1998, p. 1).

(6) Minħabba l-preżenza tal-HPAI fl-Istati ta' Idaho u California, il-prodotti miksuba minn pollam, tjur imrobbi għall-kaċċa u tjur tal-kaċċa selvaġġ minn dawk il-partijiet tal-Istati msemmija hawn fuq u mill-parti tal-Istat ta' Oregon li l-awtoritajiet veterinarji tal-Istati Uniti tal-Amerika poġġew taħt restrizzjonijiet, għallinqas għandu jsirilhom it-trattament "D" għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni tal-vajrus HPAI fl-Unjoni.

(7) Għalhekk, il-Parti 1 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(8) Għalhekk id-Deċiżjoni 2007/777/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Marzu 2015.

*Għall-Kummissjoni*
Vytenis ANDRIUKAITIS
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

Fil-Parti 1 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE l-entrata għall-Istati Uniti tinbidel b'dan li ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "L-Istati Uniti | US | 01/2014 | Il-pajjiż sħiħ |
| | US-1 | 01/2014 | Il-pajjiż sħiħ tal-Istati Uniti, minbarra ż-żona US-2. |
| | US-2 | 01/2014 | Iż-żona tal-Istati Uniti li tikkorrispondi għal:<br>It-territorju sħiħ tal-Istat ta' Washington.<br>Il-Kontea ta' Douglas u l-Kontea ta' Malheur fl-Istat ta' Oregon.<br>Il-Kontea ta' Canyon u l-Kontea ta' Payette fl-Istat ta' Idaho.<br>Il-Kontea ta' Stanislaus u l-Kontea ta' Tuolumne fl-Istat ta' California." |